MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Kongunt Numru. 546/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Ryan Ali Shwehdi, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal dawn l-ahhar sebgha (7) snin, b'dan illi ghaldaqstant huma ilhom separati fattwalment ghal aktar minn erba' snin f'dawn l-ahhar hames (5) snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet b'dan illi huma jghixu hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi ulterjorment ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma kwalunkwe hlas ta' manteniment, b'dan illi l-partijiet qeghdin reciprokament jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin stante illi huma t-tnejn finanzjarjament indipendenti minn xulxin u ghandhom l-impjieg u l-introjtu rispettiv taghhom;

Illi in vista tal-fatti suesposti il-partijiet ghad ghandhom bejniethom il-kommunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi ghaldaqstant l-esponenti jixtiequ juzufruwixxu ruhhom mill-proceduri odjerni sabiex jitolbu x-xoljiment ta' l-istess u dan skont ftehim diga milhuq bejn il-partijiet kif rifless fin-nota konguntiva hawn annessa li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok 'B';

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit tar-rikorrenti nnifishom liema affidavits qed jigu esebiti u mmarkati bhala Dok 'C' u 'D';

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;
(2) Tordna l-likwidazzjoni u divizzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
(3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg partijiet;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha ipprezentaw document illi juri illi huma ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni illi inghalqet fit-2 ta' Lulju 2012;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti fir-rigward tat-tieni talba rat in-nota konguntiva tal-partijiet esebita bhala Dokument 'B' mar-rikors konguntiv promutur u, fid-dawl ta' din in-nota, tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha skont kif mitlub u miftiehem mir-rikorrenti fl-imsemmija nota konguntiva taghhom;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn seba' snin u ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippuvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------